MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2008

Talba Numru. 451/2008

**Guido Vella Limited**
**(C-13696)**

**Vs**

**Lawrence Mifsud**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-12 ta` Gunju, 2008, fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' disa mija u hamsa u sittin Euro, wiehed u erbghin centezmu (Euro965.41c) rapprezentanti in parte prezz ta` prodotti debitament mibjugha u konsenjati lill-konvenut kif jirrizulta minn prospett ezebit u mmarkat Dok. A u kif ukoll in parte spejjez gudizzjarji konnessi mal-prezentata ta` Ittra Ufficcjali ai termini ta` l-Artikolu 166A, Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta datata 20 ta` Lulju, 2007.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici ghas-subizzjoni tal-konvenut sabiex iwiegeb ghalihom bil-gurament tieghu u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili).

Ra illi ghalkemm notifikat legalment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta ta` l-24 ta` Ottubru, 2008, meta gie pprezentat l-Kapitolu ghas-subizzjoni tieghu u lanqas ghas-seduta ta' llum, u kwindi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz id-dokumenti ezebiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici, s-somma kif rikjesta fl-ammont ta` Euro965.41c, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta` l-odjern avviz u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------